MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2000

Mandat Numru. 2951/2000/1

**Generoso sive Jimmy Sammut u Consiglia Tabone**

**vs**

**Anthony Sammut u Joseph Abela.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Generoso Sammut u Consiglia Tabone datat 21 ta' Awissu, 2000, u d-dokumenti mehmuzin mieghu;

Rat iz-zewg digrieti taghha tal-21 ta' Awissu, 2000, u 23 ta' Awissu, 2000;

Rat ir-risposti separati taz-zewg intimati;

Rat id-dokumenti esebiti waqt is-smigh u semghet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semghet it-trattazjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrenti, li huma hut l-intimat Anthony Sammut u hut il-mara tal-intimat l-iehor Joseph Abela, qeghdin jitolbu li l-intimati ma jidhlux izjed fi, jew jahdmu r-raba "tar-Rokka" li ghal zmien kien imqabbel lil-missierhom. Huma jghidu li ghandhom gharfien wahdieni mis-sidien ghal din ir-raba.

Illi l-intimat Joseph Abela jirribatti t-talba billi jghid li hu, bhall-intimat l-iehor, ilu jahdem l-imsemmi raba ghal snin twal u bil-miftuh: kien ricentement li r-rikorrenti istitwew proceduri civili (azzjoni ta' Spoll) kontrih u l-intimat l-iehor. Hu jtenni ukoll li t-titolu vantat mir-rikorrenti hu vvizjat b'qerq, u li, fi kwalunkwe kaz, it-talba tar-rikorenti ma tistax tintlaqa' billi ma jezistux l-elementi mehtiega ghall-hrug tal-Mandat, liema talba hija mmirata biss biex ittellef l-ghixien tal-intimati;

Illi l-intimat Anthony Sammut ukoll itenni li ilu jahdem ir-raba sa minn mindu miet missieru, titolari tal-qbiela tal-istess raba. Wara mewtu, ghal xi zmien il-qbiela ma kenitx tithallas minn hadd. Hu u l-intimat l-iehor baqghu u ghadhom jahdmu l-istess raba u r-rikorrenti fethu proceduri civili kontrihom dwar spoll, u li l-hrug tal-Mandat mitlub minnhom m'hux mehtieg;

***Ikkunsidrat***

Illi mill-provi mressqa jinstiltu s-segwenti fatti: li r-raba in kwistjoni ilu mqabbel lill-awtur komuni tal-partijiet ghal numru ta' snin; li sa ma damet hajja l-omm wara l-mewt ta' missierhom ma jidhirx li kien hemm kwestjonijiet ta' access ghar-raba; li l-intimati baqghu u ghadhom fil-pussess tar-raba u li saru proceduri biex is-sidien iddawru l-gharfien taghhom ghall-istess raba minn fuq isem il-missier ghal fuq il-kontendenti; u li r-rikorrenti istitwew proceduri civili ta' spoll fil-konfront tal-intimati;

Illi l-indagni li ghandha taghmel din il-Qorti a tenur tal-Art. 873(2) hija li tara jekk giex stabilit li (a) il-hrug tal-Mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti; u (b) li r-rikorrenti juru "prima facie" li ghandhom il-jedd mitlub. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat Abela fis-sens li din il-Qorti hija marbuta li ma tilqax it-talba ghall-hrug tal-Mandat jekk ma jigix muri li n-nuqqas ta' hrug tal-Mandat se' jikkawza pregudizzju lir-rikorrent li bih ma jifdallu l-ebda rimedju iehor. Il-Qorti tifhem li s-sub-inciz (6) tal-Artiklu 873 jirreferi ghat-tip ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontemplat fis-sub-inciz (5) tal-istess Artikolu;

Dwar jekk ir-rikorrenti wrew li ghandhom jedd "prima facie" ghat-talba taghhom, din il-Qorti ssib li dan l-element gie soddisfatt. Dan jinghad bla pregudizzju ghall-kwestjoni tal-mod kif l-gharfien moghti lir-rikorrenti kien

miksub u liema kwestjoni tmur lil hin mill-ambitu tal-accertamenti li ghandha taghmel il-Qorti f'dan l-istadju. Il-fatt li z-zewg intimati qeghdin jindikaw li bi hsiebhom jistitwixxu proceduri biex iwaqqghu dak l-gharfien, bl-ebda mod ma jitfa' dell fuq l-ezistenza "prima facie" tal-jedd vantat mir-rikorrenti;

Min-naha l-ohra, il-fatt wahdu li art tkun imqabbla lil xi hadd ma jgibx mieghu awtomatikament it-tixjin tal-pussess tal-istess raba jew parti minnu vestit f'haddiehor, b'arrangament mal-istess gabilott jew b'mod iehor fattwali. Il-ligi stess tikkontempla eventwalita' bhal din, specjalment dwar membri tal-familja tal-gabillott maghruf u dan kien il-kaz fi hdan il-familja tal-kontendenti;

Illi billi l-ligi tinsisti li z-zewg rekwiziti preskritti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni jridu jikkonkorru, u mhux bizzejjed li jigi muri soddisfacentement wiehed minnhom biss, il-Qorti trid tara ukoll jekk il- Mandat mitlub mir-rikorrenti huwiex mehtieg minnhom biex jitharsu jeddijiethom. Wiehed irid jifhem id-differenza bejn dak li hu mehtieg u dak li hu utli, ghaliex jidher li l-ligi tesigi l-htiega fis-sens ta' necessita' li ma tistax tghaddi minghajrha;

Il-Qorti, wara li qieset sewwa x-xhieda mismugha u rat id-dokumenti esebiti waqt is-smigh, b'mod partikolari d-Dokment JS2, u wara li kkunsidrat li hemm pendenti quddiem din l-istess l-Qorti kawza civili li permezz taghha l-istess rikorrenti qeghdin jitolbu li jigu re-integrati fil-pussess tal-istess raba minn idejn l-intimati, ssib li r-rekwizit tal-htiega tal-hrug tal-Mandat ma hux fondat. Din il-Qorti ma thossx li tista' taqbel mas-sottomissjoni tal-abbli difensur tar-rikorrenti fis-sens li l-htiega tal-Mandat tinholoq minhabba li l-kawza pendenti tista' tiehu zmien twil sa ma tinstema' u tinqata'. Fil-waqt li l-Qorti tifhem li s-smigh ta' kawza jiehu generalment tul ta' zmien itwal minn smigh ta' rikors ghall-hrug ta' Mandat, ma tahsibx li l-ligi trid li l-vertenza trattata fil-kors ta' procedura ordinarja tigi mibdula jew sostitwita bi procedura kawtelatorja;

Illi, minbarra dan, l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat mitlub iwassal biex il-kawza ta’ spoll ma jifdalx prattikament izjed htiega ghaliha, fil-waqt li tinholoq il- htiega ta’ kawza gdida biex issegwi dan il-Mandat.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni bl-ispejjez.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------